

32003L0065

L 230/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

16.9.2003

**ID-DIRETTIVA 2003/65/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Lulju 2003**

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' l-annimali wżati għall-għanijiet sperimentali u għanijiet xjentifiċi oħra

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Huma u jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Marzu 1998 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 1999/575/KE li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' l-annimali vertebrati wżati għal għanijiet sperimentali u għanijiet xjentifiċi oħra ⁽⁴⁾ (minn issa 'l quddiem imsejħa l-Konvenzjoni),
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 86/609/KEE ⁽⁵⁾ hija l-għodda ta' l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tinkopora l-istess miri bħall-Konvenzjoni.
- (3) L-Anness mad-Direttiva 86/609/KEE li fih il-linji gwida rigward l-akkomodazzjoni u l-kura ta' l-annimali jieħu x-xogħol ta' l-Appendiċi A mal-Konvenzjoni. Id-disposizzjonijiet li jinsabu fl-Appendiċi A mal-Konvenzjoni u l-Annessi mad-Direttiva msemmija huma ta' natura teknika.
- (4) Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza ta' l-Annessi mad-Direttiva 86/609/KEE ma' l-aħħar żviluppi xjentifiċi u tekniċi u mar-riżultati tar-riċerka ġewwa l-oqsma koperti. Bħalissa, il-bidliet għall-Annessi jistgħu jiġu adottati biss bil-proċedura li tiegħu ħafna żmien għal ko-deċiżjoni bil-konsegwenza illi l-kontenut tagħhom waqa' lura fl-aħħar żviluppi f'dan il-kamp.

(5) Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri kkonferiti fuq il-Kummissjoni ⁽⁶⁾.

(6) Id-Direttiva 86/609/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq,

ADDOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin fid-Direttiva Nru 86/609/KEE:

"L-Artikolu 13a

Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mal-materji riferiti hawn taħt għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja ddikjarata fl-Artikolu 24b(2):

— L-Annessi ma' din id-Direttiva.

Artikolu 24b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE wara li jkunu ġew ikkunsidrati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.
3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura."

Artikolu 2

L-Istati Membru għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel is-16 ta' Settembru 2004. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 25 E, tad-29.1.2002, p. 536.

⁽²⁾ ĠU C 94, tat-18.4.2002, p. 5.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Posizzjoni Komuni tas-17 ta' Marzu 2003 (ĠU C 113 E, tat-13.5.2003, p. 59) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2003 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ ĠU L 222, ta' l-24.8.1999, p. 29.

⁽⁵⁾ ĠU L 358, tat-18.12.1986, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju 2003.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

G. ALEMANN
